**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 43/2001**

**Il-Pulizija ( Sp. Mario Buttigieg )**
**Vs**
**TINO BORG**

**Illum, 2 ta'Ottubru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Tino Borg talli fl-24 t'April, 2000, ghal habta tat-3.55 p.m., f'Mensija Road, San Gwann:

1. Saq vettura tal-marka Fiat 128 minghajr pjanci tan-numri tar-registrazzjoni;
2. Saq din il-vettura minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija biex tintuza fit-triq;
3. Saq din il-vettura minghajr ma kienet koperta b'Polza tas-Sigurta' dwar ir-Riskji tat-Terzi Persuni;
4. Saq din il-vettura minghajr il-fanali ta'quddiem u ta'wara;
5. Saq l-imsemmija vettura minghajr ma kien qed jaghmel uzu mis-seat belt.

Rat is-sentenza moghtija fit-22 ta'Frar, 2001, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha ddikjarat preskritti l-ewwel, ir-raba w l-hames akkuzi w illiberat lill-Tino Borg minnhom. Illiberatu wkoll mit-tielet

akkuza minhabba konflitt ta'provi. Sabitu hati fuq it-tieni akkuza biss u kkundannatu fuqha ghall-tletin lira Maltin (Lm30) Multa.

Rat ir-rikors ta'appell ta' l-Avukat Generali datat 2 ta'Marzu, 2001, li bih talab li din il-Qorti tibdel u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet htija fl-appellat Tino Borg skond it-tieni akkuza w kkundannatu Lm30 Multa, thassarha w tirrevokaha fil-bqija, u minflok, wara li jinstemghu l-provi, issib u tiddikjara htija fl-istess appellat fl-akkuzi kollha rimanenti, inkluza l-iskwalifika temporanja tal-licenzja tas-sewqan.

Rat l-aggravji ta' l-appellant Avukat Generali.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi fil-fehma ta' l-appellant Avukat Generali, l-ewwel Qorti kienet erroneament iddikjarat preskritti l-ewwel, ir-raba w l-hames akkuzi, meta fil-fatt, skond il-ligi, dan ma kellux ikun hekk.

L-ewwel Qorti jidher li applikat il-preskrizzjoni trimestrali assumendo li r-reati taht dawn it-tlett akkuzi kienu biss kontravvenzjonijiet. Fil-fatt, pero', dawn it-tlett reati ghandhom jitqiesu bhala delitti fejn il-piena ghalihom komminata mil-ligi fl-Artikolu 18 (1) tal-Kapitolu 65 hija l-piena stabbilita ghall-kontravvenzjonijiet fil-Kap. 9. B'hekk il-perijodu ta'preskrizzjoni applikabbli f'dan il-kaz hu dak stabbilit fl-Artikolu 688 (e) tal-Kap. 9, cioe' il-perijodu ta'sentejn trattandosi ta'delitti soggetti ghall-pieni ta' kontravvenzjonijiet. Ghalhekk, l-appellant ghandu ragun ghal dak li jirrigwarda l-ewwel, ir-raba w il-hames akkuzi.

Dwar it-tielet akkuza li minnha l-ewwel Qorti lliberat lill-appellat Tino Borg minhabba li, fil-fehma taghha, kien hemm konflitt ta’provi, l-appellant Avukat Generali jissottometti li anke hawnhekk dik il-Qorti ghamlet dan b’mod erroneu.

Il-Qorti ma tistghax tifhem kif hawnhekk l-ewwel Qorti sabet konflitt ta’provi meta kien l-appellat stess, allura imputat, li ammetta volontarjament u bla ebda kundizzjoni li kien qed isuq vettura li ma kienetx licenzjata biex tintuza fit-triq u li ma kienetx koperta mill-polza ta’assigurazzjoni. Jirrizulta fil-fatt mill-provi li l-appellat kien qed isuq skeletru ta’karozza waqt celebrazzjoni in konnessjoni ma xi loghba football. Din kienet vettura minghajr licenzja, minghajr dawl kemm quddiem kif ukoll wara, minghajr seat belts, eccetra. Fil-fatt ir-rappresentant tad-Direttur tal-Licenzji ma setghax jidentifika din il-vettura fir-records taghhom l-ghaliex lanqas biss ma kellha pjanci ta’registrazzjoni, u, ghalhekk, b’mod logiku ma kienetx registrata ma’dak id-dipartiment. Effettivament jidher li kienet vettura migbura mill-iscrapp. Dan il-fatt wahdu, kif sewwa qal l-appellant, jindika bla ebda ombra ta’dubju li dik il-vettura la kienet licenzjatha biex tintuza fit-triq u lanqas ma kienet koperta minn xi polza ta’assigurazzjoni dwar ir-Riskji ta’Terzi Persuni. Hu f’dan is-sens li l-ewwel Qorti applikat u interpretat hazin il-ligi. Ghalhekk anke dan l-aggravju huwa milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali, u, filwaqt li qed tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti fejn sabet lill-appellat Tino Borg hati fuq it-tieni akkuza w tikkonferma wkoll il-piena nflitta a propositu ta’Lm30 Multa, tirrevokaha fil-bqija w, filwaqt li tiddikjara w issib htija fl-appellat fl-ewwel, it-tielet, ir-raba w l-hames akkuzi wkoll, tikkundannah Multa ohra ta’ tlett mitt lira Maltin (Lm300) fuq dawn l-akkuzi w tiskwalifikah minn kull licenzja tas-sewqan ghal zmien sena minn ghada fit-3.00 p.m. L-appellat ghandu jhallas din il-Multa ta’Lm300, kif ukoll dik ta’Lm30 (jekk din ghada ma thallsitx), fi zmien hmistax (15) il-jum mil-lum, u, fin-nuqqas, din jew dawn il-multi tigi/jigu konvertita/konvertiti f’prigunerija skond il-ligi.

Aldo Testone

Deputat Registratur